

**Dispożittiv**

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) UP għandha tbatl l-ispejjeż tagħha stess kif ukoll dawk sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea.

<sup>(1)</sup> ĠU C 5, 8.1.2018.

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-12 ta' Diċembru 2018 – Bischoff vs EUIPO – Miroglio Fashion (CARACTÈRE)**

(Kawża T-743/17) <sup>(1)</sup>

*(“Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità — Trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea CARACTÈRE — Raġuni assoluta għal rifjut — Assenza ta' karattru deskrittiv — Karattru distintiv — Artikolu 7(1)(b) u (c) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 [li sar l-Artikolu 7(1)(b) u (c) tar-Regolament (UE) Nru 2017/1001]”)*

(2019/C 82/62)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

**Partijiet**

Rikorrenti: Bischoff GmbH (Muggensturm, il-Ġermanja) (rappreżentant: D. Régnier, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellektwali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: S. Pétrequin u A. Folliard-Monguiral, aġenti)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Miroglio Fashion Srl (Alba, l-Italja) (rappreżentant: O. Vanner, avukat)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-20 ta' Lulju 2017 (Każ R 328/2016-1), dwar proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità bejn Bischoff u Miroglio Fashion.

**Dispożittiv**

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Bischoff GmbH hija kkundannata għall-ispejjeż.

<sup>(1)</sup> ĠU C 13, 15.1.2018.

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-12 ta' Diċembru 2018 – Vitromed vs EUIPO – Vitromed Healthcare (VITROMED Germany)**

(Kawża T-821/17) <sup>(1)</sup>

*(Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea VITROMED Germany — Trade mark verbali preċedenti tal-Unjoni Ewropea Vitromed — Raġuni relattiva għal rifjut — Probabbiltà ta' konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 (li sar l-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001)*

(2019/C 82/63)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

**Partijiet**

Rikorrenti: Vitromed GmbH (Jena, il-Ġermanja) (rappreżentant: M. Linß, avukat)